MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 543/2008

**Aquatess Marketing Limited (C 33435)**

**vs**

**Martin Mackay**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elfejn u disghin Ewro (€2090.00) jew somma verjuri rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju, 2008 u ta` l-ittra legali tat-12 ta' Gunju, 2008 u bl-imghaxijiet legali bit-8% fuq is-somma mitluba, inkluz €23.30 konsult, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fis-6 ta' Otttubru, 2008 mill-Avukat Renato Cefai u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------